II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1135

tad-9 ta' Lulju 2021

li jistabbilixxi l-limiti massimi baġitarji għall-2021 applikabbli għal ċerti skemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 22(1), 36(4), 42(2), 47(3), 49(2), 51(4) u 53(7) tiegħu,

Billi:

(1) Għal kull Stat Membru li jimplimenta l-iskema ta' pagament bażiku stipulata fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament għall-2021 jenħtieġ li jiġi ffissat mill-Kummissjoni billi jitnaqqsu l-ammonti massimi ffissati skont l-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jenħtieġ li jiġu kkunsidrati kwalunkwe żidiet applikati mill-Istati Membri skont din id-dispożizzjoni.

(2) Għal kull Stat Membru li jimplimenta l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja stipulata fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 36(4) ta' dak ir-Regolament għall-2021 jenħtieġ li jiġi ffissat mill-Kummissjoni billi jitnaqqsu l-ammonti massimi ffissati skont l-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. B'konformità mal-Artikolu 36(4) tat-tieni subparagrafu ta' dak ir-Regolament, meta tiffissa l-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis iż-żidiet applikati mill-Istati Membri b'rabta ma' din id-dispożizzjoni.

(3) Għal kull Stat Membru li jagħti l-pagament ridistributtiv previst fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 42(2) ta' dak ir-Regolament għas-sena 2021 jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-perċentwal notifikat minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament.

(4) Fir-rigward tal-pagament għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent previst fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2021, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 47(3) ta' dak ir-Regolament għall-2021 jenħtieġ li jiġu kkalkulati skont l-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament u jammontaw għal 30 % tal-limitu massimu nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti kif stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

(5) Għal Stati Membri li jagħtu l-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali previst fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 49(2) ta' dak ir-Regolament għall-2021 jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-persentaġġ notifikat mill-Istati Membri rilevanti skont l-Artikolu 49(1) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fir-rigward tal-pagament għal bdiewa żgħażagħ previst fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 51(4) ta' dak ir-Regolament għall-2021 jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-persentaġġ notifikat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament u jenħtieġ li ma jkunux iżjed minn 2 % tal-limitu massimu annwali ffissat fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(7) Meta l-ammont totali tal-pagament għal bdiewa żgħażagħ applikat fl-2021 fi Stat Membru jkun jaqbeż il-limitu massimu stabbilit skont l-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għal dak l-Istat Membru, jenħtieġ li d-differenza tiġi ffinanzjata mill-Istat Membru b'konformità mal-Artikolu 51(2) ta' dak ir-Regolament filwaqt li jiġi rrispettat l-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li jiġi stabbilit dan l-ammont massimu għal kull Stat Membru.

(8) Għal kull Stat Membru li jagħti l-appoġġ akkoppjat volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2021, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 53(7) ta' dak ir-Regolament għall-2021 abbażi tal-persentaġġ notifikat mill-Istat Membru rilevanti skont l-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.

(9) Fir-rigward tas-sena 2021, l-implimentazzjoni tal-iskemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 bdiet fl-Il-Ġimgħa, 1 ta' Jannar 2021. Għal raġunijiet ta' konsistenza bejn l-applikabbiltà ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba 2021 u l-applikabbiltà tal-limiti massimi baġitarji korrispondenti, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2021 għall-iskema ta' pagament bażiku msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt I tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2021 għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt II tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

3. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2021 għall-pagament ridistributtiv imsemmi fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament(UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt III tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

4. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2021 għall-pagamenti ta' prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent imsemmi fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt IV tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

5. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2021 għall-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali msemmi fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt V tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

6. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2021 għall-pagament għal bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VI tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

7. L-ammonti massimi għall-2021 għall-pagament għal bdiewa żgħażagħ imsemmi fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

8. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2021 għall-appoġġ akkoppjat volontarju msemmi fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VIII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

I. **Limiti massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
il-Belġju	220 516
id-Danimarka	510 443
il-Ġermanja	2 881 039
l-Irlanda	814 613
il-Greċja	1 068 840
Spanja	2 791 396
Franza	3 025 957
il-Kroazja	164 601
l-Italja	2 074 792
il-Lussemburgu	22 741
Malta	650
in-Netherlands	460 278
l-Awstrija	458 384
il-Portugall	288 469
is-Slovenja	72 302
il-Finlandja	258 372
l-Iżvezja	391 520

II. **Limiti massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
il-Bulgarija	376 265
iċ-Ċekja	464 763
l-Estonja	125 439
Ċipru	29 400
il-Latvja	168 899
il-Litwanja	220 860
l-Ungerija	712 920
il-Polonja	1 535 543
ir-Rumanija	935 992
is-Slovakkja	216 589

III. **Limiti massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament ridistributtiv imsemmija fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
il-Belġju	45 157
il-Bulgarija	55 362
il-Ġermanja	323 453
Franza	673 644
il-Kroazja	36 497
il-Litwanja	85 495
il-Polonja	278 884
il-Portugall	55 302
ir-Rumanija	104 163
is-Slovakkja	11 100

IV. **Limiti massimi nazzjonali annwali għall-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent imsemmija fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
il-Belġju	148 478
il-Bulgarija	236 588
iċ-Ċekja	254 432
id-Danimarka	240 600
il-Ġermanja	1 386 226
l-Estonja	57 215
l-Irlanda	355 885
il-Greċja	539 123
Spanja	1 440 177
Franza	2 020 932
il-Kroazja	109 490
l-Italja	1 088 559
Ċipru	14 294
il-Latvja	94 217
il-Litwanja	170 990
il-Lussemburgu	10 030
l-Ungerija	391 715
Malta	1 573

in-Netherlands	198 415
l-Awstrija	203 275
il-Polonja	1 008 015
il-Portugall	204 262
ir-Rumanija	567 542
is-Slovenja	39 459
is-Slovakkja	125 125
il-Finlandja	154 714
l-Iżvezja	205 703

V. **Limiti massimi nazzjonali annwali għall-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali msemmija fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
id-Danimarka	2 857
is-Slovenja	2 078

VI. **Limiti massimi nazzjonali annwali għall-pagament għal bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
il-Belġju	9 367
il-Bulgarija	2 117
iċ-Ċekja	1 696
id-Danimarka	15 238
il-Ġermanja	46 208
l-Estonja	1 240
l-Irlanda	23 726
il-Greċja	35 942
Spanja	96 012
Franza	67 364
il-Kroazja	7 299
l-Italja	72 571
Ċipru	476
il-Latvja	3 831
il-Litwanja	7 125
il-Lussemburgu	501

l-Ungerija	5 223
Malta	21
in-Netherlands	13 228
l-Awstrija	13 552
il-Polonja	33 600
il-Portugall	13 617
ir-Rumanija	21 091
is-Slovenja	1 973
is-Slovakkja	1 706
il-Finlandja	5 157
l-Iżvezja	13 714

VII. **Ammonti massimi għall-pagament għall bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
il-Belġju	9 899
il-Bulgarija	15 773
iċ-Ċekja	16 962
id-Danimarka	16 040
il-Ġermanja	92 415
l-Estonja	3 814
l-Irlanda	23 726
il-Greċja	35 942
Spanja	96 012
Franza	134 729
il-Kroazja	7 299
l-Italja	72 571
Ċipru	953
il-Latvja	6 281
il-Litwanja	11 399
il-Lussemburgu	669
l-Ungerija	26 114
Malta	105
in-Netherlands	13 228
l-Awstrija	13 552
il-Polonja	67 201

il-Portugall	13 617
ir-Rumanija	37 836
is-Slovenja	2 631
is-Slovakkja	8 342
il-Finlandja	10 314
l-Iżvezja	13 714

VIII. **Limiti massimi nazzjonali annwali għall-appoġġ akkoppjat volontarju msemmi fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2021
il-Belġju	81 801
il-Bulgarija	118 294
iċ-Ċekja	127 216
id-Danimarka	32 863
l-Estonja	6 821
l-Irlanda	3 000
il-Greċja	178 331
Spanja	573 817
Franza	1 010 466
il-Kroazja	54 745
l-Italja	468 806
Ċipru	3 812
il-Latvja	47 108
il-Litwanja	85 495
il-Lussemburgu	160
l-Ungerija	195 857
Malta	3 000
in-Netherlands	3 350
l-Awstrija	14 229
il-Polonja	504 007
il-Portugall	133 521
ir-Rumanija	272 554
is-Slovenja	17 099
is-Slovakkja	62 562
il-Finlandja	101 080
l-Iżvezja	89 138